Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/572

14.2.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/572

**tat-8 ta' Novembru 2023**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), u b'mod partikolari l-Artikolu 101(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Albanija (minn issa 'l quddiem "l-Albanija"), fuq in-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 2, paragrafu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Albanija li saru fid-19 ta' Lulju 2022,

Billi:

(1) L-Artikolu 116 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni joħloq Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(2) L-Artikolu 117(2) ta' dan il-Ftehim jipprovdi li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(3) L-Artikolu 120(4) tal-imsemmi Ftehim jipprovdi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jwaqqaf kwalunkwe kumitat jew korp speċjali li jista' jassistih fit-twettiq tad-dmirijietu; L-istess dispożizzjoni tal-imsemmi Ftehim tipprevedi wkoll li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirijiet ta' tali kumitati jew korpi u kif għandhom jiffunzjonaw

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Artikolu 116 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tat-twaqqif tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea u l-emendar tar-regoli ta' proċedura tal-imsemmi Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif previst fl-Artikolu 120(4) tal-imsemmi Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, anness ma' din id-Deċiżjoni. Emendi minuri għal dan l-abbozz ta' deċiżjoni jistgħu jintlaqgħu mingħajr deċiżjoni ulterjuri.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*
Olivér VÁRHELYI
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

IL-KUNSILL ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija (minn issa 'l quddiem "l-Albanija"), min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikoli 120 (4) tiegħu,

Billi:

(1) Id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn sħab soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili u kif ukoll bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-Unjoni Ewropea u dawk fl-Albanija jistgħu jagħtu kontribut maġġuri għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet ta' bejniethom u għall-integrazzjoni tal-Ewropa.

(2) Jidher li huwa xieraq li tali kooperazzjoni jenħtieġ li tkun organizzata billi jitwaqqfu żewġ Kumitati Konsultattivi Konġunti.

(a) wieħed bejn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, fuq naħa waħda, u s-sħab soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Albanija, fuq in-naħa l-oħra;

(b) u t-tieni wieħed bejn il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea, fuq naħa waħda, u r-rappreżentanti eletti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Albanija, fuq in-naħa l-oħra.

(3) Dan ifisser li jeħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, adottati bid-Deċiżjoni Nru 1/2009, jiġu emendati kif xieraq.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni Nru 1/2009 tiġi emendata billi jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 14*

**Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

(1) B'dan qiegħed jitwaqqaf Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, fdat bid-dmir li jassisti lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bil-għan li ssir promozzjoni tad-djalogu u tal-kooperazzjoni bejn is-sħab soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili, fl-Unjoni Ewropea u fl-Albanija. Dawn id-djalogu u l-kooperazzjoni jinkludu l-aspetti relevanti kollha tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Albanija, hekk kif dawn jitfaċċaw fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Dawn id-djalogu u l-kooperazzjoni ser ikollhom l-għan partikolari li:

(a) Iħejju lill-impjegaturi, lill-ħaddiema u lill-organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Albanija għal attività fil-qafas tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea li ser isseħħ fil-ġejjieni;

(b) Iħejju lill-impjegaturi, lill-ħaddiema u lill-organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Albanija għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħidma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew wara l-adeżjoni tal-Albanija;

(c) Isir skambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, partikolarment dwar il-qagħda attwali tal-proċess ta' adeżjoni u kif ukoll it-tħejjija tal-impjegaturi, tal-ħaddiema u ta' organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Albanija għal dan il-proċess;

(d) Jinkoraġġixxu skambji ta' esperjenza u djalogu strutturat bejn A) l-impjegaturi, il-ħaddiema u organizzazzjonjiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Albanija u B) l-impjegaturi, il-ħaddiema u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri, fosthom permezz ta' netwerking f'oqsma speċifiċi fejn il-kuntatti diretti u l-kooperazzjoni jistgħu jkunu l-aktar mezz effettiv biex tinstab soluzzjoni għal problemi partikolari;

(e) Tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni oħra li tinqala' fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' adeżjoni tal-Albanija mal-UE.

(2) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jinkludu sitt rappreżentanti mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u sitt rappreżentanti mis-sħab soċjali u minn organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Albanija. Il-parteċipazzjoni hija miftuħa wkoll għal osservaturi.

(3) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iwettaq dmirijietu abbażi ta' konsultazzjoni mal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew, b'rabta mal-promozzjoni tad-djalogu bejn ċrieki ekonomiċi u soċjali, fuq inizjattiva tiegħu stess.

(4) Il-membri jintgħażlu b'mod li jiżgura li l-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ikun xbieha kemm jista' jkun perfetta tad-diversi sħab soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili, kemm fl-Unjoni Ewropea u kif ukoll fl-Albanija. Il-ħatriet uffiċjali tal-membri Albanizi jsiru mill-gvern tal-Albanija abbażi ta' proposti mis-sħab soċjali u minn organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili. Dawn il-proposti jissejsu fuq proċeduri ta' għażla inklużivi u trasparenti fost is-sħab soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili.

(5) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ikun kopresedut minn membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u rappreżentant minn fost is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Albanija.

(6) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

(7) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, fuq naħa waħda, u l-Gvern Albaniż, fuq in-naħa l-oħra, iħallsu l-ispejjeż li jintefqu b'rabta mal-parteċipazzjoni tad-delegati tagħhom fil-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma tiegħu fir-rigward tal-persunal, u tal-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' sussistenza.

(8) Spejjeż oħrajn relatati mal-organizzazzjoni materjali tal-laqgħat jitħallsu mill-Parti li tospita l-laqgħat.

*Artikolu 15*

**Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea**

(1) B'dan qiegħed jitwaqqaf Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea, bid-dmir li jassisti lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bil-għan li jkun hemm promozzjoni tad-djalogu u tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea u fl-Albanija. Dawn id-djalogu u l-kooperazzjoni se jkollhom l-għan partikolari li:

(a) Iħejju lill-awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi għal attività fil-qafas ta' ħidma tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea li se sseħħ fil-ġejjieni;

(b) Iħejju lill-awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi għall-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Kumitat tar-Reġjuni wara l-adeżjoni tal-Albanija;

(c) Isir skambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet attwali ta' interess reċiproku, b'mod partikolari dwar il-qagħda attwali b'rabta mal-politika reġjonali Ewropea u l-proċess ta' adeżjoni u kif ukoll it-tħejjija tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi għal dawn il-politiki;

(d) Jinkoraġġixxu djalogu multilaterali strutturat bejn A) l-awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi u B) l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri, fosthom permezz ta' netwerking f'oqsma speċifiċi fejn il-kuntatti diretti u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi u l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-Istati Membri jistgħu jkunu l-aktar mod effettiv għall-indirizzar ta' suġġetti speċifiċi ta' interess reċiproku;

(e) Jipprovdu skambju ta' informazzjoni regolari dwar il-kooperazzjoni interreġjonali bejn awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi u awtoritajiet lokali u reġjonali mill-Istati Membri;

(f) Jinkoraġġixxu skambju ta' esperjenzi u għarfien fil-qasam tal-politika reġjonali u interventi strutturali, bejn A) l-awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi u B) awtoritajiet lokali u reġjonali mill-Istati Membri, b'mod partikolari għarfien u tekniki li jikkonċernaw it-tħejjija ta' pjanijiet jew strateġiji ta' żvilupp lokali u reġjonali u l-aktar użu effiċjenti tal-Fondi ta' qabel l-adeżjoni u tal-Fondi Strutturali;

(g) Jgħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali Albaniżi permezz ta' skambju ta' informazzjoni partikolarment dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà fl-aspetti kollha tal-ħajja fuq livell lokali u reġjonali;

(h) Tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni oħra li tinqala' fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' adeżjoni tal-Albanija mal-UE.

(2) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea inizjalment jinkludi tmien rappreżentanti tal-Kumitat tar-Reġjuni, fuq naħa, u tmien rappreżentanti eletti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Albanija, fuq in-naħa l-oħra. Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt jista' jiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tiegħu mill-Kumitat tar-Reġjuni u maġġoranza tal-membri tiegħu mill-Albanija biex ibiddel in-numru ta' rappreżentanti. In-numru ta' rappreżentanti mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-Albanija jibqa' ugwali u ma jaqbiżx it-tlettax rispettivament. Jinħatru l-istess għadd ta' membri sostituti minn kull naħa.

(3) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea jwettaq l-attivitajiet tiegħu abbażi ta' konsultazzjoni mal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew, b'rabta mal-promozzjoni tad-djalogu bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, fuq inizjattiva tiegħu stess.

(4) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(5) Il-membri jintgħażlu b'mod li jiżgura li l-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni jkun xbieha perfetta tad-diversi livelli ta' awtoritajiet lokali u reġjonali kemm fl-Unjoni Ewropea u kif ukoll fl-Albanija. Il-ħatiriet uffiċjali tal-membri Albaniżi jsiru mill-gvern tal-Albanija abbażi ta' proposti minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Albanija u li jiżguraw pluralità politika u bilanċ bejn is-sessi. Dawn il-proposti jissejsu fuq proċeduri ta' għażla inklużivi u trasparenti fost ir-rappreżentanti b'mandati elettorali fuq livell lokali jew reġjonali.

(6) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

(7) Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea ikun kopresedut minn membru tal-Kumitat tar-Reġjuni u minn rappreżentant tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Albanija.

(8) Il-Kumitat tar-Reġjuni, fuq naħa waħda, u l-Gvern Albaniż, fuq in-naħa l-oħra, iħallsu l-ispejjeż li jintefqu b'rabta mal-parteċipazzjoni tad-delegati u ta' persunal ta' appoġġ tagħhom fil-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea, partikolarment fir-rigward tal-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' sussistenza.

(9) Spejjeż oħrajn relatati mal-organizzazzjoni materjali tal-laqgħat jitħallsu mill-Parti li tospita l-laqgħat."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni*
*Il-President*